AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2485

Avviż ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili

Maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Rikors numru 89/2026 FG

Rikors ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili

Rikors ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap. XVI tal-Liġijiet ta' Malta

Rikors numru 89/2026 (FG)

Mary Jane Farrugia (KI 74054G), 'Mayflower', Vjal it-Tmienja ta' Settembru, Ix-Xagħra

vs

Frances Curmi (KI 40653G), 44, Triq Xandriku, In-Nadur

Rikors Ġuramentat ai termini tal-Artikoli 495A tal-Kap. XVI ta' Mary Jane Farrugia

Jesponu bir-rispett:

i. Illi l-partijiet huma komproprjetarji tal-fond numru tlieta u għoxrin (23), fi sqaq bla numru u bla isem fi Pjazza il-Vitorja, Ix-Xagħra, Għawdex, li jiġi in parti sovrastanti beni ta' terzi;

ii. Illi dan il-fond kien jappartjeni lil Emanuel Buttigieg u Rosa Buttigieg imwielda Bajada, ġenituri tal-partijiet, li mietu rispettivament fil-25 ta' Diċembru, 1981, u fit-12 ta' Ġunju, 2014 (kopja taċ-ċertifikati tal-mewt tagħhom annessi u mmarkati 'A' u 'B' rispettivament). Il-fond ġie mogħti b'anticresi lil Emanuel Buttigieg b'kuntratt tal-14 ta' Marzu, 1954, fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci u l-anticredi ġiet reġistrata bħala bejgħ fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex ai termini tal-artikolu 1986 tal-Kodiċi Ċivili permezz ta' iskrizzjoni numru 416/1993 (kopja tal-kuntratt u tal-Inskrizzjoni annessi u mmarkati 'C' u 'D');

iii. Illi l-imsemmija Emanuel u Rosa Buttigieg irregolaw il-wirt u suċċessjoni tagħhom b'testmenti unica charta li sar fl-atti tan-Nutar Francis Micallef tal-11 ta' Lulju, 1975, u wara mewtu, Rosa Buttigieg għamlet testment ieħor waħedha fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tal-25 ta' Frar, 2004, fejn

Notice in terms of Article 495A of the Civil Code

Issued by the Court of Magistrates (Gozo)

Superior Jurisdiction, General Section

Application number 89/2026 FG

Application in terms of Article 495A of the Civil Code

Application in terms of Article 495A of Cap. XVI of the Laws of Malta

Application number 89/2026 (FG)

Mary Jane Farrugia (KI 74054G), 'Mayflower', Vjal it-Tmienja ta' Settembru, Xagħra

vs

Frances Curmi (KI 40653G), 44, Triq Xandriku, Nadur

Sworn Application in terms of Article 495A of Cap. XVI by Mary Jane Farrugia

Respectfully submit:

i. That the parties are co-owners of the property number twenty-three (23), in an unnumbered and unnamed alley in Pjazza il-Vitorja, Xagħra, Gozo, which in part overlies property belonging to third parties;

ii. That this property belonged to Emanuel Buttigieg and Rosa Buttigieg née Bajada, the parties' parents, who died on the 25th of December, 1981, and the 12th of June, 2014, respectively (copies of their death certificates are annexed and marked 'A' and 'B' respectively (a copy of their death certificates are attached and marked 'A' and 'B' respectively). The property was granted under antichresis to Emanuel Buttigieg via a contract dated the 14th of March, 1954, drawn up by Notary Francesco Gauci and this antichresis was registered as a sale in the Public Registry of Gozo pursuant to Article 1986 of the Civil Code under registration number 416/1993 (copies of the contract and the Registration attached and marked 'C' and 'D');

iii. That the said Emanuel and Rosa Buttigieg regulated their inheritance and succession via a joint will unica charta drawn up in the acts of Notary Francis Micallef of the 11th of July, 1975, and following his death, Rosa Buttigieg executed a further separate will in the acts of Notary Paul

inter alia innominaw lill-partijiet eredi universali tagħhom (kopja tar-riċerki testamentarji u tat-tesmenti annessi u mmarkati minn 'E' sa 'H');

iv. Illi s-sehem li kellhom Emanuel u Rosa Buttigieg minn dan il-fond ġie debitament iddenunzjat għal skop ta' taxxa (kopja tad-denunzja ta' Emanuel Buttigieg u tal-kuntratt TCM ta' Rosa Buttigieg annessi u mmarkati 'I' u 'J');

v. Illi l-konvenuta Frances Curmi kienet irrinunzjat għall-wirt ta' ommha Rosa Buttigieg, u b'sentenza tas-7 ta' April, 2025, tal-Qorti tal-Appell fil-kawża bejn l-istess partijiet (Rikors numru 73/2015/3/BS), ġie likwidat is-sehem riżervat mill-istess wirt, u llum jinsab pienament saldat (kopja tas-sentenza annessa u mmarkata 'K');

vi. Illi r-rikorrenti jiddikjaraw illi l-istess proprjetà ilha inkomunjoni bejn il-partijiet għal aktar minn tliet snin u mhi suġġetta għal ebda dritt ta' abitazzjoni, użu jew użufrutt. Għal kull bon fini jiġi dikjarat li d-dritt ta' użu u użufrutt li kellha Rosa Buttigieg fuq is-sehem ta' żewġha mill-fond de quo spiċċa bil-mewt tagħha, u d-dritt ta' lokazzjoni tal-fond li kellha favur tagħha r-rikorrenti spiċċa f'Lulju 2023;

vii. Illi minn dan il-fond l-esponenti għandha s-sehem ta' tliet kwarti (3/4) indiviżi filwaqt li l-intimata għandha s-sehem ta' kwart (1/4) indiviż kif ġie hawn fuq spjegat;

viii. Illi minkejja li l-intimata ġiet mitluba biex taqsam il-wirt ta' Emanuel Buttigieg inkluż dan il-fond, hi baqgħet inadempjenti;

ix. Illi fit-tlieta (3) ta' Lulju elfejn u sitta u għoxrin (2026) debitament reġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana bin-numru PS202614876, ir-rikorrenti daħlet f'konvenju għall-bejgħ ta' dan il-fond (kopja tal-konvenju u tan-Notifika tal-konvenju annessi u mmarkata 'L' u 'M');

x. Illi l-prezz pattwit huwa wieħed reali u l-kundizzjonijiet huma ġusti (valutazzjoni ta' perit annessa u mmarkata 'N');

xi. Illi r-rikorrenti tqis li l-bejgħ tal-proprjetà huwa ta' benefiċċju għall-partijiet, u dan kif se jiġi spjegat matul il-kors tas-smigħ ta' dan ir-Rikors, u l-intimata mhix se tiġi preġudikata b'dan il-bejgħ inkwantu l-bejgħ ikollu jirrigwarda s-sehem tagħha wkoll;

xii. Illi mal-preżenti Rikors, qiegħed jiġi anness prospett tal-ishma preżenti bil-kwoti u l-valur tal-ishma tal-partijiet mill-fond de quo (kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala dokument 'O') u pjanta u site plan tal-fond de quo (kopji immarkati 'P' u 'Q');

George Pisani of the 25th of February, 2004, wherein inter alia they appointed the parties as their universal heirs (copies of the testamentary searches and wills attached and marked 'E' to 'H');

iv. That the share held by Emanuel and Rosa Buttigieg in this property was duly declared for tax purposes (copies of Emanuel Buttigieg's declaration and Rosa Buttigieg's TCM contract are attached and marked 'I' and 'J');

v. That the defendant Frances Curmi had renounced the inheritance of her mother Rosa Buttigieg, and pursuant to a judgment of the 7th of April, 2025, by the Court of Appeal in the proceedings between the same parties (Application No. 73/2015/3/BS), the reserved share of said inheritance was liquidated, and is now fully settled (a copy of the judgment attached and marked 'K');

vi. That the applicants declare that the property in question has been held in common ownership by the parties for more than three years and is not subject to any right of habitation, use or usufruct. For all intents are purposes it is declared that the right of use and usufruct held by Rosa Buttigieg over her husband's share of the property de quo ceased upon her death, and the right of tenancy over the property held by the applicants in her favour expired in July 2023;

vii. That the applicant holds an undivided three-quarter (3/4) share of this property while the respondent holds an undivided one-quarter (1/4) share as explained above;

viii. That although the respondent was requested to partition the estate of Emanuel Buttigieg including this property, she failed to do so;

ix. That on the third (3rd) of July 2026 duly registered with the Commissioner for Tax and Customs under number PS202614876, the applicant entered into a promise of sale agreement for this property (copies of the agreement and the Notification thereof attached and marked 'L' and 'M');

x. That the agreed price is just and real (an architect's valuation attached and marked 'N');

xi. That the applicant considers the sale of the property to be beneficial to the parties, and this as will be explained during the hearing of this Application, and that the respondent will not be prejudiced by this sale given that the sale would also encompass her share;

xii. That annexed to this Application is a schedule detailing the current shares, quotas, and values of the parties' respective interests in the property de quo (a copy of which is being attached hereto and marked as document 'O'), as well as a plan and site plan of the property de quoe (copies marked 'P' and 'Q');

xiii. Illi stante li ma hemmx qbil mal-intimata Frances Curmi għall-bejgħ jew qasma tal-imsemmi fond, għaldaqstant qiegħda ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti illi, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u wara li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jogħġobha għar-raġunijiet imsemmija:

1. Tawtorizza li jsir il-bejgħ tal-fond fuq imsemmi ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap. 16, bil-prezz, b'dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet tal-konvenju tat-tlieta (3) ta' Lulju elfejn u sitta u ghoxrin (2026);

2. Tordna li l-imsemmi bejgħ ikun ippubblikat min-Nutar Paul George Pisani fil-ħin, jum, u lok li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa;

3. Taħtar kuratur deputat a spejjeż tal-intimata sabiex jidher fuq l-att finali ta' bejgħ għall-kontumaċja tagħha f'dak il-jum, ħin, u lok hekk stabbiliti minn din il-Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hi inġunta minn issa għas-subizzjoni.

(ft) L-Av. Mario Scerri, 109, Triq Palma, Ir-Rabat VCT 1300

Dan ir-rikors huwa appuntat għal nhar l-Erbgħa, 30 ta' Settembru, 2026, fid-8.45a.m.

Illum 25 ta' Settembru, 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

xiii. That, given the lack of agreement with the respondent Frances Curmi regarding the sale or partition of the said property, these proceedings are hereby instituted.

Thus, the applicants respectfully request that this Honourable Court, saving the necessary declarations and after the opportune provision is made, for the reasons mentioned:

1. Authorises the sale of the aforementioned property in terms of Article 495A of Cap. 16, at the price, and subject to the terms and conditions of the promise of sale agreement dated the third (3rd) of July, 2026;

2. Orders that the said sale be published by Notary Paul George Pisani at the time, date, and venue that this Honourable Court may deem fit to appoint;

3. Appoints a deputy curator, at the expense of the respondent, to appear at the final deed of sale on her behalf due to her contumacy at the date, time, and venue so established by this Court.

With costs against the respondent who is from now being referred to her oath.

(sgd) Adv. Mario Scerri, 109, Triq Palm, Victoria VCT 1300

This application is appointed for hearing for Wednesday, 30th September, 2026, at 8.45 a.m.

This 25th of September, 2026

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2486

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Awwissu, 2026 mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-atti tal-Ittra Uffiċjali numru 2130/2026, fl-ismijiet Marc Aquilina vs Silvio Aquilina et, ordnat s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Silvio Aquilina, David Aquilina, Alain Aquilina u Mary Yvonne Aquilina a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 12 ta' Mejju 2026

Lil: Silvio Aquilina, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0217866M, ta' 63, 'Dorivo', Triq il-Qantar, Is-Swieqi;

By means of a decree of the 27th August, 2026, of the Civil Court, First Hall, in the records of the Judicial letter number 2130/2026, in the names Marc Aquilina et vs Silvio Aquilina et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Silvio Aquilina, David Aquilina, Alain Aquilina and Mary Yvonne Aquilina in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 12th May 2026

To: Silvio Aquilina, holding of identity card number 0217866M, of 63, 'Dorivo', Triq il-Qantar, Swieqi;

David Aquilina, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0194771M, ta' 91, 'L-Irdoss', Vjal il-Qalbiena Mostin, Il-Mosta;

Alain Aquilina, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0174179M , ta' 91, 'L-Irdoss', Vjal il-Qalbiena Mostin, Il-Mosta;

Mary Yvonne Aquilina, detentrici tal-karta tal-identità bin-numru 0459543M, ta' 91, 'L-Irdoss', Vjal il-Qalbiena Mostin, Il-Mosta;

Permezz tal-preżenti, Marc Aquilina, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0105069M; Sandro Aquilina, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0390474M; Ben Naudi, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0473592M; Silvana Naudi, detentrici tal-karta tal-identità bin-numru 0247565M; u Carmen Aquilina, detentrici tal-karta tal-identità bin-numru 0652346M, ilkoll ta' Wied Inċita, Triq ir-Rabat, Ħ'Attard, filwaqt illi jagħmlu riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet Marc Aquilina et vs Giuseppi Aquilina et (837/2012/2) tat-18 ta' Ġunju, 2024, li permezz tagħha ġie kkonfermat illi d-defunt Giuseppi Aquilina, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0708143M, kellu jiżgombra mill-fond ossija 'Santa Rita', Triq il-Qasam, Is-Swieqi, wara li huwa kien ilu jokkupa dan l-istess imsemmi fond għal snin twal mingħajr ebda titolu validu fil-liġi, jinterpellawkom – ossija lil Silvio Aquilina bħala l-werriet u l-eredi universali u padrun assolut tal-assi ereditarji kollha tal-istess Giuseppi Aquilina, u lil David Aquilina, lil Alain Aquilina, u lil Mary Yvonne Aquilina għal kull interess li jista' jkollhom – sabiex, fi żmien mhux aktar tard minn sebat (7) ijiem mid-data tan-notifika lilkom tal-preżenti att ġudizzjarju, inthom tersqu għall-likwidazzjoni u għall-ħlas tad-danni kollha, u tal-kumpens kollu, li huwa dovut minnkom lill-mittenti inkonnessjoni mal-okkupazzjoni illegali u abbużiva ta' Giuseppi Aquilina tal-istess fond hawn fuq imsemmi għal tant snin, konsistenti, fost oħrajn, f'telf ta' użu, telf ta' qligħ, u telf ieħor, oltre spejjeż inkorsi u danni oħrajn, inkluż dawk kummerċjali, liema danni u kumpens, sal-lum, jammontaw għal mijiet ta' eluf ta' ewro tenut kont illi kien biss nhar l-4 ta' Lulju, 2024, illi l-mittenti nghataw lura l-pussess effettiv tal-fond inkwistjoni wara tant snin;

Kunu avżati illi, f'każ illi inthom tonqsu milli tottempraw ruħkom tal-istanti fit-terminu lilkom konċess, il-mittenti sejrin jipproċedu kontra taghkom ulterjorment, b'kawża skont il-liġi u bil-ħruġ tal-mandati kawtelatorji kollha opportuni, in kawtela tad-drittijiet kollha tagħhom, u dan minghajr ebda preavviż ieħor;

Tant sabiex tagħrfu tirregolaw ruħkom aħjar, u sabiex tevitaw spejjeż u proċeduri ġudizzjarji ulterjuri kontra tagħkom mingħajr bżonn;

David Aquilina, holding of identity card number 0217866M, of 91, 'L-Irdoss', Vjal il-Qalbiena Mostin, Mosta;

Alain Aquilina, holding of identity card number 0174179M , of 91, 'L-Irdoss', Vjal il-Qalbiena Mostin, Mosta;

Mary Yvonne Aquilina, holding of identity card number 0459543M, of 91, 'L-Irdoss', Vjal il-Qalbiena Mostin, Mosta.

By the present judicial letter Marc Aquilina, holder of identity card number 0105069M; Sandro Aquilina, holder of identity card number 0390474M; Ben Naudi, holder of identity card number 0473592M; Silvana Naudi, holder of identity card number 0247565M; and Carmen Aquilina, holder of identity card number 0652346M, all of Wied Inċita, Triq ir-Rabat, Ħ'Attard, whilst referring to the judgement given by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) in the names Marc Aquilina et vs Giuseppi Aquilina et (837/2012/2) of 18 June 2024, by means of which it was confirmed that the deceased Giuseppi Aquilina, holder of identity card number 0708143M, had to vacate the premises or rather 'Santa Rita', Triq il-Qasam, Swieqi, after he had occupied the said premises for long years without any valid title at law, solicits you – or rather Silvio Aquilina as the heir and universal heir and absolute owner of all the hereditary assets of the same Giuseppi Aquilina, and David Aquilina, Alain Aquilina, and Mary Yvonne Aquilina for any interest they may have – so that within seven (7) days from the date of notification to you of the present judicial act, you come forward for the liquidation and payment of all the damages, and all the compensation, due by you to the interpellants in connection with the illegal and abusive occupation of Giuseppi Aquilina of the same premises above mentioned for so many years, consistent, among others, in loss of use, loss of profits, and other losses, besides expenses incurred and other damages, including commercial ones, which damages and compensation, to date, amount to hundreds of thousands of euro bearing in mind that it was only on 4th July, 2024, that the interpellants were given back the effective possession of the premises in question after so many years;

Be warned that, in case you fail to abide by the above mentioned within the time given to you, the interpellants shall proceed further against you, by means of a lawsuit according to law and by the issuing of all the opportune precautionary warrants, in security of all their rights, and this without any other prior notice;

So much so that you may know how to better regulate yourself, and to avoid further costs and judicial proceedings against you without any need;

Din is-sejħa qed issirilkom b'riżerva għal kwalsijasi azzjoni ġudizzjarja ulterjuri spettanti lill-mittenti fil-konfront taghkom skont il-liġi;

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 24 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

This calling is being made to you reserving the right to any further judicial action due to the interpellants against you according to law;

With costs

Registry of the Superior Courts, today 24th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2487

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, mill-Prim'Awla, fis-26 ta' Ġunju, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 346/2026FDP, fl-ismijiet: HSBC Bank Malta plc vs Nahi Houdaifa et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap. 12 biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-konvenut.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: HSBC Bank Malta plc (C3177) vs Nahi Houdaifa (23354A) et, ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-10 ta' April, 2026, l-esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tal-Bank attur fis-somma kumplessiva ta' sebgħa u sebgħin elf sitt mija sebgħa u tletin ewro u erba' ċenteżmi (€77,637.04);

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti, solidament bejniethom, iħallsu lill-Bank attur is-somma kumplessiva ta' sebgħa u sebgħin elf sitt mija sebgħa u tletin ewro u erba' ċenteżmi (€77,637.04), flimkien mal-imgħaxijiet legali.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali surrefita bin-numru 2814/24, kif ukoll dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 510/26 (Dok. J) kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunt in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 346/2026FDP, fl-ismijiet hawn fuq imsemmija huwa differit għat-13 ta' Ottubru, 2026, fid-9.30 a.m.

Notifika: Nahi Houdaifa, 221C, Flat B, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Settembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 26th June, 2026, in the records of the Sworn application 346/2026FDP, in the names: HSBC Bank Malta plc vs Nahi Houdaifa et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12 for the purpose of service of the defendant.

By means of an application in the names: HSBC Bank Malta plc (C3177) vs Nahi Houdaifa (23354A) et, filed in the Civil Court, First Hall, on the 10th April, 2026, the applicant humbly prays this Honourable Court so that:

1. Declare that the defendants are debtors of the plaintiff Bank in the global sum of seventy seven thousand six hundred thirty seven euro and four cents (€77,637.04);

2. Condemn the same defendants, in solidum between them, to pay the plaintiff Bank the global sum of seventy seven thousand six hundred thirty seven euro and four cents (€77,637.04), together with legal interest.

With costs, including those of the judicial letter above mentioned with number 2814/24, as well as those of the Garnishee order number 510/26 (Doc. J) against the defendants who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 346/2026FDP, in the names above mentioned is deferred to the 13th October, 2026, at 9.30 a.m.

Notification:Nahi Houdaifa, 221C, Flat B, Triq ir-Repubblika, Valletta

Registry of the Superior Courts, today 24th September, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-16 ta' Ġunju, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 310/2026CG fl-ismijiet: Neil Baldacchino Kerr pro et noe vs Owen Pillow, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Neil Baldacchino Kerr (KI 564877M) f'ismu proprju u f'isem l-imsiefra martu Lysanne Baldacchino Kerr (KI 462012L) vs Owen Pillow (KI 174181M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-30 ta' Marzu, 2026, l-esponenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li ma jeżisti l-ebda dritt ta' aċċess mill-fond bin-numru tlieta (3), mingħajr isem, fi sqaq numru tnejn (2) fi triq Ħal Dwieli, Ħaż-Żebbuġ, Malta, propjetà tal-konvenut għal ġewwa l-imsemmija ċisterna, u li tifforma parti mill-fond bin-numru wieħed (1) mingħajr isem, kif ukoll il-garaxx bin-numru tnejn (2), fi sqaq numru tnejn (2), fi Triq Ħal Dwieli, Ħaż-Żebbuġ, Malta, proprjetà tal-esponenti, liema ċisterna tinsab in parti sottostanti il-fond tal-konvenut;

2. Tiddikjara konsegwentement, bħala illegali u abbużiv l-aġir tal-konvenut, meta f'Ottubru tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) fetaħ aċċess mill-fond bin-numru tlieta (3), mingħajr isem, fi sqaq numru tnejn (2) fi Triq Ħal Dwieli, Ħaż-Żebbuġ, Malta, għal ġewwa l-imsemmija ċisterna proprjetà tal-esponenti;

3. Tordna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju ffissat minn din l-Onorabbli Qorti, jagħlaq l-imsemmi aċċess, u jirripristina l-istess, fl-istat li kienet fih qabel l-interventi minnu magħmula, u dan a spejjeż tiegħu, liema xogħlijiet għandhom isiru taħt id-direzzjoni u s-sorveljanza ta' perit tekniku maħtur minn din l-Onorabbli Qorti għal dan l-iskop;

4. Tordna, sabiex fin-nuqqas illi dawn ix-xogħlijiet isiru mill-konvenut fl-imsemmi żmien, dawn isiru mill-esponenti, a spejjeż tal-konvenut, liema xogħlijiet għandhom isiru taħt id-direzzjoni u s-sorveljanza ta' perit tekniku maħtur minn din l-Onorabbli Qorti għal dan l-iskop;

5. Tiddikjara u tiddeċiedi illi bl-aġir illegali u abbużiv tal-konvenut illi seħħ matul Awwissu 2022, meta kien fetaħ l-imsemmija bokka, u neħħa kull pedament illi kellu l-ħajt diviżorju sovrastanti, huwa kkaġuna danni lill-esponenti illi snin wara kellhom jirrimedjaw a spejjeż tagħhom huma din il-ħsara kaġunata minnu;

6. Tikkundanna lill-konvenut responsabbli għal dawn id-danni kaġunati lill-esponenti;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall on the 16th June, 2026, in the records of the Sworn application number 310/2026CG in the names: Neil Baldacchino Kerr pro et noe vs Owen Pillow, the following publication was ordered, in terms of Article 187 of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Neil Baldacchino Kerr (ID 564877M) in his own name and in the name of the abroad his wife Lysanne Baldacchino Kerr (ID 462012L) vs Owen Pillow (ID 174181M) filed in the Civil Court, First Hall, on the 30th March, 2026, the applicants asked this Honourable Court so that:

1. Declare and decide that there exists no right of access from the premises with number three (3), without name, in alley number two (2) in Triq Ħal Dwieli, Ħaż-Żebbuġ, Malta, property of the defendant into the said ċisterna, and which forms part of the premises with number one (1) without name, as well as the garage with number two (2), in alley number two (2), in Triq Ħal Dwieli, Ħaż-Żebbuġ, Malta, property of the applicant, which ċisterna is in part underlying the premises of the defendant;

2. Declare consequently, as illegal and abusive the behaviour of the defendant, when in October of the year two thousand and twenty five (2025) he opened access from the premises with number three (3), without name, in alley number two (2) in Triq Ħal Dwieli, Ħaż-Żebbuġ, Malta, into the said ċisterna property of the applicant;

3. Order the defendant so that within a short and peremptory period fixed by this Honourable Court, he closes the said access, and restores the same, in the state it was in before the interventions made by him, and this at his expense, which works are to be carried out under the direction and supervision of a technical referee appointed by this Honourable Court for this purpose;

4. Order, that in default that these works be carried out by the defendant within the said time, they be carried out by the applicant, at the expense of the defendant, which works are to be carried out under the direction and supervision of a technical referee appointed by this Honourable Court for this purpose.

5. Declare and decide that by the illegal and abusive behaviour of the defendant which occurred during August 2022, when he had opened the said opening, and removed all the foundations which the overlying partition wall had, he caused damages to the applicants who years later had to remedy at their expense are this damage caused by him;

6. Condemn the defendant responsible for these damages caused to the applicant;

7. Tillikwida dawn id-danni, bil-ħatra ta' perit tekniku, jekk hekk ikun meħtieġ;

8. Tikkundanna lill-konvenut illi jħallas lill-esponenti, dawn id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż, u bl-imgħaxijiet, inklużi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni akkordat minn din l-Onorabbli Qorti, nhar id-disgħa (9) ta' Marzu elfejn u sitta u għoxrin (2026), fl-ismijiet premessi (numru 1789/2025DC), kontra l-konvenut, minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 310/2026CG fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-20 ta' Ottubru, 2026, fid-9.00 a.m.

Notifika: Owen Pillow, 3, Alley 2, Triq Ħal Dwieli, Ħaż-Żebbuġ, Malta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Settembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

7. Liquidate these damages, by the appointment of a technical referee, if necessary;

8. Condemn the defendant to pay the applicant, these damages so liquidated.

With costs, and interests, including those of the warrant of prohibitory injunction granted by this Honourable Court, on the ninth (9) March two thousand and twenty six (2026), in the names premised (number 1789/2025DC), against the defendant, from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 310/2026CG in the names mentioned above is postponed to the 20th October, 2026 fid-9.00 a.m.

Notification: Owen Pillow, 3, Alley 2, Triq Ħal Dwieli, Ħaż-Żebbuġ, Malta

Registry of the Superior Courts, today 24th September, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2489

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-2 ta' Lulju, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 79/2026RM, fl-ismijiet: Kevin Mallia vs Edmond Espedito Mugliett et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap. 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimati.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Kevin Mallia (264068M) vs Edmond Espedito Mugliett (661762M), Mandy Darmenia (109788M), Kimberly Mugliett (395890M) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-30 ta' Jannar, 2026, ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-kuntratt hawn fuq imsemmi ppubblikat fl-14 ta' Ottubru, 2019, in atti tan-Nutar Dott. Claire Camilleri, li in forza ta' liema l-konvenut Edmond Espedito Mugliett ittrasferixxa b'titolu gratuwitu lil Mandy Darmenia s-sehem tiegħu ta' nofs (1/2) indiviż tad-dar ossija terraced house mingħajr numru uffiċjali, bl-isem 'The Rose Cottage', Triq Karm Galea, Birkirkara, sar b'qerq daparti tal-konvenut Edmond Espedito Mugliett, bi ħsara tal-jeddijiet tar-rikorrent, bl-intenzjoni li dan jiġi dewfradat.

2. Tiddikjara li l-kuntratt l-ieħor hawn fuq imsemmi ppubblikat fl-14 ta' Ottubru, 2019, in atti tan-Nutar Dott. Claire Camilleri, li in forza ta' liema l-konvenut Edmond

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 2nd July, 2026, in the records of the Sworn application number 79/2026RM, in the names: Kevin Mallia vs Edmond Espedito Mugliett et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap 12, for the purpose of service of the respondents.

By means of an application in the names: Kevin Mallia (264068M) vs Edmond Espedito Mugliett (661762M), Mandy Darmenia (109788M), Kimberly Mugliett (395890M) filed in the Civil Court First Hall on the 30th January, 2026, the applicants asked this Honourable Court so that:

1. Declare that the contract above mentioned published on the 14th October, 2019, in the records of Notary Dr Claire Camilleri, in virtue of which the defendant Edmond Espedito Mugliett transferred by gratuitous title to Mandy Darmenia his share of one half (1/2) undivided share of the house or rather terraced house without official number, with the name 'The Rose Cottage', Karm Galea Street, Birkirkara, was fraudulent on the part of the defendant Edmond Espedito Mugliett, to the detriment of the rights of the applicant, with the intention that this be defrauded.

2) Declare that the other contract above mentioned published on the 14th October 2019, in the records of Notary Dr Claire Camilleri, in virtue of which the defendant Edmond

Espedito Mugliett ittrasferixxa b'titolu gratuwitu lil Kimberly Mugliett is-sehem tiegħu ta' nofs (1/2) indiviż tal-appartament internament immarkat bin-numru 4, formanti parti minn blokka mingħajr numru uffiċjali, li però hi mmarkata bl-ittra 'B' fi Triq l-Għar ta' Karolina, fix-Xlendi, Għawdex, kif ukoll tal-garaxx formanti parti mill-istess kumpless, internament immarkat bin-numru 22 u formanti parti mill-blokka mmarkata bl-ittra 'D', li għandu aċċess għal fuq Triq l-Għar ta' Karolina, ix-Xlendi, sar b'qerq daparti tal-konvenut Edmond Espedito Mugliett, bi ħsara tal-jeddijiet tar-rikorrent, bl-intenzjoni li dan jiġi dewfradat;

3. Konsegwentement tiddikjara li l-istess kuntratti ppubblikati fl-14 ta' Ottubru, 2019, in atti tan-Nutar Dott. Claire Camilleri, indikat fl-ewwel u t-tieni talba ta' dan ir-rikors ġuramnetat, huma nulli u mingħajr effetti legali;

4. Tordna u tikkundanna li l-konvenuti Edmond Espedito Mugliett (661762M) u Mandy Darmenia (109788M) biex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss min din il-Qorti jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att notarili ta' rexxissjoni tal-kuntratt indikat fl-ewwel talba ta' dan ir-Rikors Ġuramentat;

5. Tordna u tikkundanna lill-konvenuti Edmond Espedito Mugliett (661762M) u Kimberly Mugliett (395890M) biex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss minn din il-Qorti jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att notarili ta' rexxissjoni tal-kuntratt indikat fit-tieni talba ta' dan ir-Rikors Ġuramentat;

6. Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-atti ta' rexxissjoni indikati fir-raba' u l-ħames talba ta' dan ir-Rikors Ġuramentat, kif ukoll sabiex jagħmel jew jippubblika kwalsijasi att ieħor li jkun meħtieġ u neċessarju għal dan il-għan;

7. Tiffissa d-data, l-lok u l-ħin għall-pubblikazzjoni tal-imsemmi att ta' rexxissjoni indikati fir-raba' u l-ħames talba ta' dan ir-Rikors Ġuramentat;

8. Tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-imsemmi att ta' rexxissjoni.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, jew min minnhom , inkluż dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni preżentat kontestwalment ma' dan ir-Rikors Ġuramentat, li minn issa huma inġunti biex jidhru personalment għas-subizzjoni.

B'riżerva ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-esponent, senjatament dik għad-danni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 79/2026RM fl-ismijiet hawn fuq imsemmija huwa differit għat-12 ta' Ottubru, 2026, fid-9.15 a.m.

Espedito Mugliett transferred by gratuitous title to Kimberly Mugliett his share of half an undivided (1/2) of the apartment internally marked with number 4, forming part of a block without official number, that however it is marked with the letter 'B' in Triq l-Għar ta' Karolina, in Xlendi, Gozo, as well as the garage forming part of the same complex, internally marked 22 and forming part of the block marked with the letter 'D', which has access to Triq l-Għar ta' Karolina, Xlendi, was fraudulent on the part of the defendant Edmond Espedito Mugliett, to the detriment of the rights of the applicant, with the intention of defrauding it;

3. Consequently declare that the same contracts published on the 14th October, 2019, in the records of Notary Dr Claire Camilleri, indicated in the first and second demand of this Sworn application, are null and without legal effects;

4. Order and condemn that the defendants Edmond Espedito Mugliett (661762M) and Mandy Darmenia (109788M) so that within a short and peremptory period fixed by this Court come forward for the publication of the notarial deed of rescission of the contract indicated in the first demand of this Sworn application;

5. Order and condemn the defendants Edmond Espedito Mugliett (661762M) and Kimberly Mugliett (395890M) so that within a short and peremptory period fixed by this Court they come forward to the publication of the notarial deed of rescission of the contract indicated in the second demand of this Sworn application;

6. Appoint a notary public to publish the acts of rescission indicated in the fourth and fifth demands of this Sworn application, as well as to make or publish any other act that is necessary and necessary for this purpose;

7. Fix the date, place and time for the publication of the said act of rescission indicated in the fourth and fifth demand of this Sworn application;

8. Appoint deputy curators to represent the eventual defaulters on the said deed of rescission.

With costs against the defendants, or either of whom, including those of the Warrant of Prohibitory Injunction filed together with this Sworn application, who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Saving any other action due to the applicant, especially that for damages.

The Sworn application number 79/2026RM in the names above mentioned is postponed to the 12th October, 2026, at 9.15 a.m.

Notifika: Edmond Espedito Mugliett, 126, Triq Atocia, Il-Ħamrun
Mandy Darmenia, 126, Flat 2, Triq Atocia, Il-Ħamrun

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Settembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notify: Edmond Espedito Mugliett, 126, Triq Atocia, Ħamrun
Mandy Darmenia,126, Flat 2, Triq Atocia, Ħamrun

Registry of the Superior Courts, today 24th September, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2490

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja fit-18 ta' Settembru, 2026 (Rikors numru 100/2026) rikors ta' Celestina Cini et fejn intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Anthony Cini, żewġ Celestina Cini, bin il-mejtin Joseph Cini u Maria Stella Cini née Mercieca, imwieled l-Għasri, Għawdex, u miet l-Għasri, Għawdex, fit-30 ta' Marzu, 2026 (KI 54454G), liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur ta' martu Celestina Cini (KI 99055M) fi kwota ta' nofs (1/2) sehem indiviż u favur uliedu Karen Stark (KI 326126L), Julietta Spiteri (KI 332222L) u Sharon Cini (liċenzja tas-sewqan Awstraljana numru 084 889 116) fi kwota ta' wieħed minn sitta (1/6) sehem indiviż kull waħda, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, bix-xhieda ta' Dott. Natalino Caruana De Brincat, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 24 ta' Settembru, 2026

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the 18th of September 2026 (Application number 100/2026) by Celestina Cini et, the opening of the succession was requested of Anthony Cini, husband of Celestina Cini, son of the late Joseph Cini and Maria Stella Cini née Mercieca, born in Għasri, Gozo, and died in Għasri, Gozo, on the 30th March, 2026 (ID 54454G), which opening of succession is to be made in favour of his wife Celestina Cini (ID 99055M) in the quota of half (1/2) undivided share and in favour of his children Karen Stark (ID 326126L), Julietta Spiteri (ID 332222L) and Sharon Cini (Australian driving licence number 084 889 116) in the quota of one sixth (1/6) undivided share each, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore, anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr Natalino Caruana De Brincat, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

Today the 24th of September, 2026

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2491

